MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 2154/1999/1

**John Baptist Zammit**

**vs**

**Maurice Zarb Adami bhala Chairman ta’ Maltacom plc u in rapprezentanza tal-istess**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni tal-attur fejn gie premess :

Illi l-atur applika ghall-post ta’ “Senior Technical Officer” bi twegiba ghal tnedija interna li harget fil-5 ta’ Awwissu 1998 (kopja dokument A):

Illi ghalkemm fl-istess tnedija kien intqal illi l-applikanti kellhom ikunu mitluba li jigu intervistati u l-attur ma ntalabx li jigi intervistat, l-attur xorta wahda staqsa r-raguni ghal dan, izda gie infurmat minn ufficjali tal-kumpannija konvenuta illi l-intervisti ma sarux “ghaliex zmien ma kienx hemm”, izda huwa ma kellux ghalfejn jinkwieta ghaliex kien gie maghzul;

Illi sussegwentement l-attur gie mgharraf li ma kienx ikkwalifika billi ma kienx fuq l-iskala minima mitluba ta’ 12, meta fil-fatt bi ftehim konklus mill-istess kumpannija konvenuta, il-post tieghu kien b’effett mill-1 ta’ Jannar 1998 sar wiehed tal-iskala 12 kif jidher konfermat mill-ittra tal-kumpanija dokument B;

Illi ghakemm wara li dan gie konstatat, l-attur kien gie assigurat illi l-promozjoni tieghu kienet giet approvata, izda mbaghad wara zmien, intqal illi ma kienx ikkwalifika ghaliex suppost li kellu jkollu hames snin esperjenza lavorattiva fil-grad ta’ “Technical Officer”;

Illi l-attur, dak iz-zmien ATO, gie mizmum fl-istess ftehim tat-28 ta’ Mejju 1998, meqjus bhala li dahal fis-sehh mill-1 ta’ Jannar 1998 li gjaladarba kien ilu hames snin fl-iskala 13, sar ipso facto Senior Technician (kif gie magharraf fit-13 ta’ Lulju 1998 b’referenza diretta ghall-applikazzjoni tieghu u kif jidher fil-kopja dokument C);

Ghalhekk l-attur talkab li l-konvenut nomine jghid ghaliex ma ghandux jigi dikjarat u deciz illi l-attur kien ikkwalifika ghall-istess promozzjoni u li din ghandha tigi rikonoxxuta lilu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tas-6 t’Awwissu 1999 kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi l-pretensjonijiet u t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-kumpanija konvenuta imxiet skond il-Ftehim Kollettiv rigwardanti l-process ta’ promozzjoni, kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kaz;

Illi l-ghazliet li ghamlet il-kumpanija kienu oggettivi u skond kriterji gusti u ghalhekk l-ezercizzju da parti tal-Kumpanija tal-funzjoni tat-tmexxija ma ghandux jitqies bhala kagun ta’ hsara ghal min ma ntghazilx;

Illi ghandu jigi rilevat illi l-attur ma ezawrixxiex ir-rimedji kollha li jghtih l-istess Ftehim Kollettiv stante illi ma ressaqx appell quddiem il-Bord tal- Appelli;

Illi, fil-kaz partikolari tal-attur, huwa kkontestat illi dan kellu merti li in forza tal-istess kellu jigi promoss, stante illi waqt l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tieghu nstab illi ma kienx eligibbli peress illi l-attur ma kienx jokkupa l-grad ta’ Technical Officer skond kif mitlub fis-sejha ghall-applikazzjonijiet;

Rat id-dkjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-guirament ul-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2003;

Ikkonsidrat:

L-attur, li huwa impjegat mas-socjeta konvenuta Maltacom, fic-citazzjoni, jippremetti li huwa applika ghall-post ta' "Senior Technical Officer" u dana wara li fil-5 ta' Awissu 1998 saret sejha interna ghall-applikazzjonijiet. L-attur ikompli jippremetti li sussegwentement huwa gie mgharraf li ma kienx ikkwalifika peress li ma kienx fuq l-iskala minima mitluba. L-attur isostni li l-post li kien jokkupa b'effett mill-1 ta' Jannar 1998 sar wiehed tal-iskala rikjesta cioe' skala 12. L-attur jippremetti ukoll li wara certu zmien, huwa kien gie infurmat li xorta ma kienx ikkwalifika ghaliex ma kellux hames snin esperjenza lavorattiva fil-grad ta' "Technical Officer". L-attur isostni li huwa kien ilu hames snin fl-iskala 13, u ghalhekk ipso facto huwa kellu s-snin rikjesti ta' esperienza fl-iskala 12 u dana in vista li l-post tieghu b'effett mill-1 ta' Jannar 1998 sar wiehed tal-istess iskala 12. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li huwa kien ikkwalifika ghall-promozzjoni in kwestjoni, liema promozzjoni ghandha ukoll tigi rikonoxxuta lilu;

Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li, ghar-rigward tal-promozzjonijiet in kwestjoni, hi mxiet skond il-Ftehim Kollettiv relattiv u illi l-ghazliet li saru kienu oggettivi u skond kriterji gusti u ghalhekk minn ma ntghazilx ma jistax jippretendi li giet lilu kawzata hsara. Is-socjeta konvenuta inoltre tirrileva li l-attur ma ezawrixxiex ir-rimedji kollha li jghatih l-istess Ftehim Kollettiv stante illi ma ressaqx appell quddiem il-Bord kompetenti. Finalment is-socjeta konvenuta teccepixxi li l-attur ma kellux il-meriti li bihom seta gie promoss peress illi huwa ma kienx jokkupa l-grad ta' Technical Officer skond kif mitlub fis-sejha ghall-applikazzjonijiet;

Jirrizulta li fil-5 ta' Awissu 1998 is-socjeta konvenuta ghamlet sejha interna ghall-applikazzjonijiet ghal post ta' "Senior Technical Officer". Fost il-kondizzjonijiet relattivi kien hemm li minn japplika kellu jkun ghall-inqas fi skala 12 u kellu jkollu mhux inqas minn hames (5) snin esperejenza fi grad ta' "Technical Officer". (Vide dokument a fol.5). Ghalhekk l-applikant kellu jkun jokkupa

l-grad ta' "Technical Officer" mill-inqas mill-bidu tas-sena 1993;

Jirrizulta ukoll li fil-15 ta' Jannar 1999 l-attur gie infurmat li l-grad il-gdid tieghu b'effett mill-1 ta' Jannar 1998 kien ser ikun ta' "Senior Technician" (Vide dokument a fol.6);

Minn dan kollu jirrizulta b'mod evidenti li l-attur ma kienx eligibbli skond ir-rekwiziti li kien hemm marbutin mal-applikazzjonijiet in kwestjoni, u dana b'referenza partikolari ghat-tieni rekwizit cioe li l-applikant kellu ikollu hames snin esperjenza fil-grad ta' Technical Officer. Fil-fatt jirrizulta li l-attur ma kellux hames snin esperjenza fl-imsemmi grad ta' Technical Officer u ghalhekk fid-data in kwestjoni l-attur ma kienx elegibbli ghall-grad ta' Senior Technical Officer peress li huwa qatt ma ghamel hames snin bhala Technical Officer u dana irrispettivament ta' x'tip ta' xoghol kien jghamel l-attur;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------